# 68. Santa Margerita

Margerita bil-kuruna
tal-Iskozja tleqq fuq ġbinha
kienet mara twajba w kiebja,
mal-fqajrin bil-wisq ħanina:

Ġewwa sqaq ta' wara l-bitħa
tal-palazz, minnhom tliet mija,
kienet titma' kull filgħodu
bl-akbar tieba nisranija.

Biex il-ħobż ma jidhirx bosta
u b'hekk jagħdab is-sultan,
l-Anġlu t'Alla kien igħatti
is-sqaq kollu bid-duħħan.

Bi tpattija l-Missier Alla
qegħedha għassa f'bieb il-Ġenna,
'il-fqajrin telgħin mid-dinja
bit-tbissim toqgħod tistenna:

Il-fqajrin telgħin mid-dinja
kollha rqajja' u mċerċrin,
fit-taqbida ta' dil-ħajja
kollha msawta w maħqurin;

U kif jidħlu dlonk tlibbishom
libsa dawl minn dik id-dija
illi minnha l-qamar jilbes
qabel jidher kull fl-għaxija,

U tqegħdilhom madwar rashom
ċirku deheb jaqbad bħan-nar,
u fuq ġbinhom kewkba bajda,
ġewwa idejhom bukkett żahar,

U tibdielhom l-għasar ħlejju
illi l-kori qaddisin
mas-smewwiet itennu u jidwu
dejjem dejjem ferħanin.

Hekk ikun.